# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru 1921

**Kaz Numru 2574DeG**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Anglu Mallia**

**u**

**Vassallo Construction Limited**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta**

**Chairman: Is-Sur Antoine DeGiovanni**

**Illum il-Hamis 12 ta' Marzu 2009**

**1. Riferenza**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar il-11.04.08.

**2. Rapprezentanza**

2.1 *Vassallo Construction Limited,* li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata, kienet irrapprezentata minn Etienne Farrugia assistit mill-Avukata Josette Grech.

2.2 Angelo Mallia, li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent, kien irrapprezentat mill-Avukat David Gatt.

**3. Fatti fil-qosor tal-kaz**

Ir-rikorrent beda fl-impjieg mal-kumpanija intimata nhar it-30.06.03 fil-kariga ta' *Crane Driver* fuq kuntratt *whole time* ghal zmien minghajr terminu. Lejn tmiem Marzu 2008, ir-rikorrent induna li l-licenzja statutorja tat-triq tal-krejn li kien isuq hu regolarment bin-numru ta' registrazzjoni CBD442 kienet ser taghlaq u gharraf b'dan lil Anthony Bartolo. Nhar it-28.03.08 ir-rikorrent rega' fakkar lil Anthony Bartolo dwar il-licenzja tat-triq

u zied jghidlu li jekk ma tithallasx nhar it-Tnejn l-1.04.08 hu ma kienx ser jidhol ghax-xoghol. Nhar l-01.04.08 ir-rikorrent dahal ghax-xoghol, u ghalkemm il-licenzja tat-triq kienet ghadha ma thallsitx gharraf lil Anthony Bartolo li ghal dak in-nhar biss kien ser isuq il-krejn, izda zied jghidlu li jekk sa l-ghadha l-licenzja tat-triq ma tithallasx, hu ma kienx ser jahdem bil-krejn.

Nhar it-Tlieta 02.04.08 ir-rikorrent ma marx ghax-xoghol u fis-6.45am. cempillu Anthony Bartolo u staqsieh jekk kienx sejjer ghax-xoghol. Ir-rikorrent staqsa dwar il-hlas tal-licenzja tat-triq u Anthony Bartolo wiegbu li kienet ghadha ma thallsitx. Ir-rikorrent wiegbu li minghajr il-hlas tal-licenzja tat-triq ma kienx ser jattendi ghax-xoghol. Wara ftit minuti cempillu Jason Vassallo u rega' staqsieh l-istess haga. Meta r-rikorrent wiegbu li ma kienx sejjer ghax-xoghol, allegatament Jason Vassallo qallu li kien ser jaghmillu vendikazzjoni li ma jinsieha qatt. Aktar tard fl-istess jum ghall-habta tad-9.30am. cempillu Etienne Farrugia u gharrfu li l-kumpanija intimata iddecidiet li ttemmlu l-impjieg u stiednu jattendi l-ufficcju ghad-dokumenti li ghandhom x'jaqsmu mat-temma ta' l-impjieg.

**4. Lista tax-xhieda**

4.1 Karl Caruana u Jason Vassalo xehdu ghall-kumpanija intimata.

4.2 Marlene Mallia xehdet ghar-rikorrent u Angelo Mallia xehed ghalih innifsu.

4.3 Anthony Bartolo u Etienne Farrugia kienu xhieda komuni.

**5. Lista ta' dokumenti**

5.1 Il-kumpanija intimata esebiet:

- id-dikjarazzjoni tal-kaz.
- kopja ta' certifikat minghajr data ta' l-assikrazzjoni tal-krejn bin-numru ta' registrazzjoni CBD442, immarkat Dok. EF1.
- kopja ta' ricevuta datata 29.03.08 tal-hlas ta' l-assikurazzjoni ghall-istess krejn, immarkata Dok. EF2.
- kopja ta' dokument minghajr data dwar il-granet frank tar-rikorrent matul l-2007, immarkata Dok. EF3.
- kopja ta' dokument minghajr data dwar il-granet frank minhabba mard tar-rikorrent matul l-2007, immarkata Dok. EF4.
- kopja tal-licenzja tat-triq datata 03.04.08 tal-krejn bin-numru ta' registrazzjoni CBD442, immarkata Dok. EF5.
- kopji ta' hlasijiet li saru lill-impjegati tal-kumpanija intimata ghall-gimghat numru 21/22, 23/24, 27/28, 29/30, 31/32, 35/36, 39/40,

u 41/42 matul is-sena, immarkati Dok. AM/JG/1 sa AM/JG/8 rispettivament.

5.2 ir-rikorrent esebixxa d-dikjarazzjoni tal-kaz konsistenti f'sitt pagni li kienu jinkludu tliet dokumenti, immarkati Dok. AM1 sa Dok. AM3.

**6. Gabra fil-qosor tax-xhieda**

6.1 **Anthony Bartolo,** impjegat fil-kariga ta' *Foreman* mal-kumpanija intimata, stqarr li fis-6.45am. kien iqassam ix-xoghol ghal matul il-jum lill-impjegati kollha. Zied jghid li lir-rikorrent kien jafu ghaliex kien l-impjegat li kien isuq il-krejn CBD442 tal-kumpanija intimata. Ix-xhud kompla jghid li l-kumpanija intimata kienet ripetutament tircievi ilmenti dwar ir-rikorrent, l-aktar dwar l-infessibilita' tieghu fil-hinijiet biex jitlaq kmieni minn fuq il-lant tax-xoghol u li minhabba f'hekk kien jghaggel f'xoghlu, b'periklu ghall-impjegati l-ohra u kuntratturi bl-imqieta. Dan kien jaghmlu biex jitlaq minn fuq il-lant tax-xoghol kmieni bizzejjed biex jasal lura l-garaxx tal-Mosta sat-3.30pm. Zied jghid li hu kien widdeb lir-rikorrent dwar dan kollu hafna drabi, izda kien iwiegbu li hu kien jaghmel kollox sew. Ix-xhud kompla li nhar it-02.04.08 ir-rikorrent ma dahalx ghax-xoghol u meta ra hekk cempillu bil-*mobile* biex jara x'gara. Ir-rikorrent wiegbu li galadarba ma thallsitx il-licenzja ma kienx diehel ghax-xoghol ghaliex ma riedx isuq il-krejn minghajr licenzja. Ix-xhud zied jghid li ghalkemm hu ma qallux li seta' jidhol u jaghmel xoghol iehor, dan ir-rikorrent kien jafu ghaliex meta xi drabi ma kienx hemm xoghol bil-krejn, inghata xoghol iehor. Ix-xhud ikkonferma li xi drabi l-materjal ordnat kien idum ma jasal fuq il-lant tax-xoghol bil-konsegwenza li r-rikorrent kien idum ma jkun jista' jibda jahdem u allura jintilef hafna hin li kien jista' biss ikun irkuprat bis-sahra. Minhabba li r-rikorrent ma baqax jahdem sahra, hafna drabi kien jigri li, jew hu, jew Jason Vassallo kien ikollhom imorru huma joperaw il-krejn biex ma jitharbatx il-pjan tax-xoghol ta' l-ghadha. Ix-xhud ikkonferma li hadd qatt ma wegga' fuq il-lant tax-xoghol minhabba l-mod kif kien jaghmel xoghlu r-rikorrent, izda hadd ma jiehu pjacir jahdem fil-periklu li jwegga' minhabba ghagla. Ix-xhud temm jghid li r-rikorrent kien gharrfu xi zmien qabel, li l-licenzja tat-triq kienet ser tintemm u talbu biex jara li tiggedded. Izda kien gara li Jason Vassallo dam ma hallasha ghaliex f'dik il-gimgha kellu membru tal-familja l-isptar, izda din thallset nhar it-02.04.08 stess.

6.2 **Karl Caruana**, rapprezentant tal-kumpanija *Vassallo Turnkey Limited* li ghandha l-Ufficini taghha fl-Ufficcju Ewlieni tal-kumpanija intimata, stqarr li hu jaf lir-rikorrent fil-kariga ta' *Crane Driver* mal-kumpanija intimata u ghaliex meta kien ikollu bzonn jikri krejn kien sikwit ikollu lill-istess rikorrent bhala *Crane Driver* mikri mieghu. Ix-xhud zied jghid li meta r-rikorrent kien ikun mikri mieghu u kienu joqorbu s-2.30pm kien

jibda jghaggel fix-xoghol bir-riskju li jwegga' xi hadd u mas-2.30pm. izarma biex jitlaq lura lejn il-garaxx fil-Mosta. Dawn l-ilmenti kienu jaslulu minghand l-impjegati tieghu, kif ukoll minghand kuntratturi bl-imqieta fuq il-lant tax-xoghol. Meta kien ikun hu stess fuq il-lant tax-xoghol, l-impjegati u l-kuntratturi bl-imqieta kienu jaghmlulu l-istess ilmenti. Ix-xhud ikkonferma li r-rikorrent gie li kompla x-xoghol wara t-3.30pm, izda dawn id-drabi kienu ftit. Meta r-rikorrent ma kienx irid ikompli wara t-3.30pm kien icempel lil Anthony Bartolo jew lil Jason Vassallo biex jigi wiehed minnhom isuq il-krejn. Dan kien isir biex ma jitharbatx il-pjan tax-xoghol ta' l-ghadha. Ix-xhud stqarr li ma kinux graw incidenti ghaliex ir-rikorrent kien jghaggel biex izarma u jitlaq kmieni, izda kien ikun hemm riskju li jkun hemm xi incident.

6.3 **Etienne Farrugia,** impjegat fil-kariga ta' *Office Manager* mal-kumpanija intimata, stqarr li r-rikorrent kien impjegat fil-kariga ta' xufier b'licenzja kategorija "C" biex isuq krejnijiet, vannijiet u trakkijiet kbar skond il-htiega u kien jahdem bejn is-7.00am. u t-3.30pm. Is-sahra kienet tinhadem skond il-htiega, izda r-rikorrent kien jevita jahdem bis-sahra anki dik minima statutorja. Minhabba f'hekk, il-kumpanija intimata waslet f'sitwazzjoni li minflok tahdem b'hinijiet flessibbli skond il-htiega tax-xoghol, kienet kostretta tahdem skond il-hinijiet tar-rikorrent. Ix-xhud kompla li l-kumpanija intimata timpjega hmistax -il persuna ohra u thaddem ukoll numru zghir ta' kuntratturi maghmula minn tlieta jew erbgha min-nies imhallsin bl-imqieta. Dawn kollha jahdmu hinijiet flessibbli u spiss jehtiegu l-attendenza ta' krejn biex jghinhom f'xogholhom. Minkejja din il-htiega ta' flessibilita', ir-rikorrent kien xorta wahda jahseb biex jitlaq minn fuq il-lant tax-xoghol madwar siegha qabel biex jilhaq jasal il-garaxx fil-Mosta sat-3.30pm. Il-kumpanija intimata kienet ukoll toffri servizz ta' kiri tal-krejn misjuq lil terzi u kien jigri l-istess. Minhabba fin-nuqqas ta' flessibilita' tar-rikorrent kien ikun hemm hafna lmenti minn impjegati u kuntratturi bl-imqieta. Ix-xhud stqarr li r-rikorrent kien imwiddeb darba bil-fomm fil-prezenza tieghu mill-Foreman u drabi ohra minn Jason Vassallo dwar l-inflessibilita' tieghu u xi drabi ohra mhux fil-prezenza tieghu, izda kollox baqa' kif kien. Ix-xhud kompla li nhar it-02.04.08 il-kumpanija intimata kellha l-konkos ordnat, izda r-rikorrent ma dahalx ghax-xoghol ghaliex kien qal lill-*Foreman* li galadarba l-licenzja tal-krejn CBD442 ma kinitx imhallsa ma riedx jidhol u jsuqu. Ix-xhud falla mix-xoghol minkejja li kien jaf li l-kumpanija intimata kellha krejn iehor DAD683 li seta' jaghmel uzu minnu ghall-istess xoghol tal-konkos, jew jinghata xoghol iehor. Ix-xhud ikkonferma li l-licenzja tat-triq tal-krejn CBD442 thallset nhar it-02.04.08 stess. Ix-xhud ikkonferma li hu cempel lir-rikorrent biex jattendi fl-Ufficcju u dak il-hin spjegalu li l-assikurazzjoni tal-krejn CBD442 kienet imhallsa, u minbarra hekk seta' jsuq krejn iehor, u li anki kieku mar bil-krejn CBD442 u nghata citazzjoni, xorta wahda bhal fl-imghoddi c-citazzjoni kienet thallasha l-kumpanija intimata.

Waqt il-kontro ezami x-xhud ma ftakarx li kienu jaslu lmenti li hu kien jitlaq kmieni minn fuq il-lant tax-xoghol minghajr permess jew li kien jasal tard. Zied jghid li r-rikorrent ftit li xejn kien ifalli minhabba mard, u anki granet frank kien jiehu mill-anqas, izda meta kien baqaghlu l-frank thallas taghhom. Ix-xhud ikonferma li l-krejn CBD442 kien certifikat biex jerfa' l-piz regolat bil-ligi u li r-rikorrent kien gharraf lil Anthony Bartolo li l-licenzja tat-triq ma kinitx thallset. Zied jghid li nhar it-02.04.08 hu gharraf lir-rikorrent bit-telefon li l-impjieg tieghu kien ser jintemm u li meta attenda fl-Ufficcju fl-istess jum id-dokumenti relatati statutorji kienu lesti biex jiffirmahom. Ix-xhud ipprezenta polza ta' l-assikurazzjoni u kopja tal-licenzja tat-triq. Ix-xhud temm jghid li xi ftit jiem qabel it-temma ta' l-impjieg ir-rikorrent kien cempillu u gharrfu li kien qieghed jaghtih avviz ghat-temma ta' l-impjieg.

6.4 **Angelo Mallia**, ir-rikorrent, stqarr li hu kien jahdem mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' *Crane Driver*, izda meta bdew jonqsu l-impjegati kien jaghmel kull xoghol iehor li kien ikun mitlub. Zied jghid li kien jattendi ghax-xoghol ghal xi s-6.15am. jaghmel il-manutenzjoni ta' kuljum fuq il-krejn u jitlaq ghal fuq il-lant tax-xoghol fis-6.45am. u jispicca fit-3.30pm. Ix-xhud kompla li madwar xahar qabel April 2008 fakkar lil Anthony Bartolo biex jiehu hsieb li tithallas il-licenzja tal-krejn CBD442 ghaliex ma riedx li jsuq minghajr il-licenzja. In-nuqqas ripetut li jithallsu l-licenzji tal-vetturi tal-kumpanija intimata ma kienx jikkoncerna biss il-krejn li jsuq hu, izda hadd minn shabu ma kien jissogra jitkellem. Ix-xhud stqarr ukoll li fl-imghoddi kien jaghmel sahra kull meta jkun mitlub, izda matul l-ahhar sena ma kompliex, ghaliex kienu jhallsuh anqas sighat ta' sahra milli fil-fatt kien jahdem. Meta waqaf jahdem is-sahra matul il-gimgha, il-kumpanija intimata irrejagixxiet u waqqfitu mill jahdem sahra s-Sibt biss kif kien iddecieda hu li jaghmel. Ix-xhud kompla li l-kundizzjoni tal-krejn CBD442 kienet hazina hafna biz-zejt tal-*hydraulic* hiereg minn diversi postijiet, u ghaldaqstant ma kienx tajjeb biex jopera fuq il-lant tax-xoghol. Hu kien jiskanta kif dan il-krejn kien ikun certifikat tajjeb. Zied jghid li hu kien jasal fuq il-lant tax-xoghol skond kemm dan ikun 'il boghod mill-garaxx tal-Mosta. Xi drabi kien jasal fuq il-lant tax-xoghol fit-8.30am., jarma l-krejn u l-materjal idum ma jasal sa 12.00. Wara li jigri hekk, l-impjegati u l-kuntratturi bl-imqieta kienu jkunu jridu jgibu l-hin li ntilef fl-istennija u bil-fors kien ikollu jghaggel, izda qatt ma wegga' lil hadd. Zied jghid li darba kien wegga' impjegat, izda dan gara ghaliex ghabba taghbija *bricks* hazin u mhux ghaliex hu haddem il-krejn bl-ghagla. Ix-xhud kompla li kien ilu xahar ifakkar lil Anthony Bartolo dwar il-licenzja. Wasal l-ahhar ta' Marzu 2008 u qal lil Anthony Bartolo li jekk mhux ser tithallas il-licenzja ma kienx ser jidhol ghax-xoghol. Nhar l-01.04.08 dahal ghax-xoghol u ra li l-licenzja kienet ghadha ma thallsitx. L-ghada ma dahalx ghax-xoghol u kmieni fil-ghodu cempillu Anthony Bartolo biex jghidlu li kellu l-konkos idur iz-Zejtun u staqsieh jekk kienx diehel. Hu wiegbu li

minghajr il-licenzja ma kienx ser jidhol. Ftit tal-hin wara cempillu Jason Vassallo u staqsieh l-istess haga u hu wiegbu l-istess. Ix-xhud stqarr li la Anthony Bartolo u lanqas Jason Vassallo ma offrewlu li jekk jidhol jaghtuh xoghol iehor, u allura baqa' d-dar. Izda Jason Vassallo heddu li kien ser jaghmillu vendikazzjoni. Ghal xi d-9.30am. fl-istess jum cempillu Etienne Farrugia u qallu li minhabba li ma attendiex ghax-xoghol f'dak il-jum, il-kumpanija kienet ser ittemmlu l-impjieg u stiednu jmur l-ufficcju biex jiffirma xi dokumenti. Kuntrarju ghal dak li ntqal, ix-xhud stqarr li hu ma ta ebda avviz ghat-temma ta' l-impjieg. Zied jghid li kieku kien hekk ma kienx ikun hemm ghalfejn joqghod jinsisti biex tithallas il-licenzja tal-krejn li kien isuq. Ix-xhud kompla li minhabba li kien tkecca mill-impjieg ma setax jirregistra ghax-xoghol, u ghalkemm appella kontra d-decizjoni kien ghadu ma deherx quddiem il-Bord Nazzjonali dwar l-Impjiegi. Wara xi zmien sab xoghol ghal zmien fiss, izda wara ftit granet kienu marru spetturi ta' l-Korporazzjoni dwar Tahrig u Impjieg u twaqqaf.

6.5 **Marlene Mallia**, mart ir-rikorrent, stqarret li nhar l-02.04.08 kienet id-dar hdejn zewgha meta rcieva telefonata u semghet lil zewgha jwiegeb jekk il-kumpanija intimata kellhiex xoghol iehor ghalih minbarra dak li ghalih kellu jintuza l-krejn minghajr il-licenzja, izda naturalment ma semghetx x'qal, minn min kien cempel. Wara ftit minuti rega' cempel it-telefon u zewgha rega' wiegeb l-istess bhal qabel, izda hi ma semghet xejn x'intqal.

6.6 **Jason Vassallo**, impjegat fil-kariga ta' Direttur mal-kumpanija intimata, stqarr li hu jmexxi l-kumpanija intimata flimkien mal-Foreman Anthony Bartolo. Kompla jghid li r-rikorrent kien impjegat fil-kariga ta' *Crane Driver* u kien jaghmel dan ix-xoghol xi tliet darbiet fil-gimgha. Fil-jiem l-ohra kien jaghmel xoghol iehor jew fil-mahzen jew isuq vetturi ohra. Zied jghid li l-impjegati l-ohra kienu jahdmu bejn is-7.00am. meta x-xoghol kien ikun allokat lilhom minn Anthony Bartolo sat-3.30pm. b'nofs siegha waqfien, u wara t-3.30pm. kienet tibda s-sahra skond il-htiega. Iz-xhud zied jghid li l-kumpanija intimata kienet sikwit tircievi lmenti dwar ix-xoghol tar-rikorrent, l-aktar dwar in-nuqqas tieghu li jghaggel biex izarma u li ma jahdimx sahra. Zied jghid li r-rikorrent kien jitkixxef biex jiskopri meta kien ser ikun hemm xi gurnata xoghol skabruza u japplika ghall-frank ghal dak il-jum, u jekk ma jinghatax frank jaghmel xi gimgha jew tnejn bin-nervi. Ix-xhud kompla li l-kumpanija intimata kellha zewg krejnijiet li setghu jaghmlu l-istess xoghol. Qal ukoll li fil-jum tal-Hamis qabel l-01.04.08, ir-rikorrent cempel lil Etienne Farrugia u tah avviz ghat-temma ta' l-impjieg, bhal ma kien ghamel fl-imghoddi. Xi granet wara kien ghamel vendikazzjoni meta biex ma jihux xoghol u jibdel il-pozizzjoni tal-krejn gieghel impjegat iehor jarmi erba' jardi konkos go kanal minflok fejn kien suppost. Nhar l-01.04.08 dahal ghax-xoghol, izda l-ghadha ma dahalx.

Wara l-kuntatt li ghamel mieghu Anthony Bartolo meta baqa' jghid li mhux ser jidhol ghax-xoghol, cempillu hu u qallu li l-polza ta' l-assikurazzjoni kienet thallset u xorta wahda wiegeb li ma kienx ser jidhol minhabba li l-licenzja tat-triq tal-krejn CBD442 ma kinitx thallset. Meta x-xhud qallu li seta' jaghmel xoghol iehor, xorta wahda baqa' ma jridx jidhol. Wara dan kollu cempillu Etienne Farrugia u gharrfu li l-kumpanija intimata kienet ser ittemmlu l-impjieg.

Waqt il-kontro ezami Jason Vassallo kkonferma li r-rikorrent kien thallas ta' hafna granet tal-frank li ma hax, u dan biex ikun jista' jhallas xi spejjez li kellu fid-dar. Ix-xhud kompla li r-rikorrent kien inghata twiddib bil-fomm diversi drabi, izda qatt bil-miktub. Ix-xhud ikkonferma li qabel l-01.04.08 ir-rikorrent kien gibed l-attenzjoni ta' Anthony Bartolo rigward il-licenzja tat-triq. Ikkonferma wkoll li meta tkellem mar-rikorrent nhar it-02.04.08 kien qallu li ser jaghmillu vendikazzjoni li jibqa' jiftakarha. Dan ghaliex hu ried jitkecca mill-impjieg biex imur jirregistra u fl-istess waqt jahdem bil-mohbi.

## 7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukata Josette Grech f'isem il-kumpanija intimata stqarret li:

- nhar it-02.04.08 ir-rikorrent iddecieda li ma jattendix ghax-xoghol ghaliex assuma li f'dak il-jum il-krejn li kien normalment isuq ma kellux il-licenzja mhallsa meta kien jaf li l-kumpanija intimata kellha krejn iehor li seta' jsuq, u wkoll illi li kieku nghata citazzjoni kienet ser thallasha l-kumpanija intimata. Fuq kollox jirrizulta mill-provi li l-polza ta' l-assikurazzjoni kienet imhallsa u c-certifikat statutorju tal-vettura bhala krejn biex jerfa' taghbija kien validu.
- ir-rikorrent kien ilu zmien twil jirrifjuta li jahdem sahra hlief nhar ta' Sibt. Minhabba f'dan ir-rifjut kien spiss jitlaq minn fuq il-lant tax-xoghol madwar siegha u nofs kmieni, irrispettivament mix-xoghol li jkun fadal isir, biex jasal il-garaxx tal-Mosta sat-3.30pm. Dan kollu kien johloq sfrattu fil-pjanijiet tax-xoghol tal-kumpanija intimata.
- Ir-rikorrent assenta ruhu minn jeddu u konsegwentement ma kienx hemm tkeccija mill-impjieg. Minbarra hekk ir-rikorrent irrifjuta suggeriment tat-Tribunal Industrijali biex jitkellem mar-rapprezentanti tal-kumpanija intimata bil-ghan li jerga' lura fl-impjieg li kellu.
- fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal Industrijali ghandu jsib li r-rikorrent irrizenja u jichad it-talba ghal kumpens.

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat David Gatt f'isem ir-rikorrent stqarr li:

- ir-raguni ghat-temma ta' l-impjieg kif dikjarata mill-kumpanija intimata fil-formola statutorja tghid car li r-rikorrent tkecca mill-impjieg. Izjed minn hekk, it-tkeccija gabet maghha theddida ta' vendikazzjoni li kienet segwita.
- minhabba li jekk isuq il-krejn minghajr licenzja u jinghata citazzjoni, irrispettivament minn min ihallas ic-citazzjoni, ir-rikorrent kien jinzamm responsabbli mill-awtoritajiet kompetenti, hu kellu interess naturali li jirrifjuta li jsuq il-krejn.
- ma jirrizulta minn imkien mill-provi li r-rikorrent kellu xi storja ta' xoghol bil-krejn li kien jipperikola s-sahha ta' terzi.
- ir-rikorrent spjega li kien waqaf jahdem sahra ghaliex kien jithallas anqas minn dak dovut lilu, u allura t-tluq kmieni minn fuq il-lant tax-xoghol kien mehtieg biex il-krejn jasal il-garaxx tal-Mosta ghat-3.30pm.
- ir-rikorrent kellu kull dritt li jaghzel li ma jidholx lura fl-impjieg.
- fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal Industrijali ghandu jsib favur ir-rikorrent u jordna lill-kumpanija thallsu kumpens xieraq.

## 8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

Fatti li jirrizultaw mill-provi u li jimmeritaw il-kunsiderazzjoni tat-Tribunal Industrijali biex jasal ghal decizjoni gusta;

8.1 Skond il-provvedimenti ta' l-Avviz Legali Numru 27 ta' l-1980 l-amministrazzjoni tal-*leave* ghall-impjegati li jahdmu ma' kumpaniji tal-kostruzzjoni ghandha ssir bi ftehim bejn min ihaddem u l-impjegat, u mhux b'decizjoni unilaterali ta' xi parti jew ohra.

8.2 Jirrizulta mill-provi li:

- it-temma ta' l-impjieg saret nhar it-02.04.08, minhabba li r-rikorrent irrifjuta li jattendi ghax-xoghol wara li Anthony Bartolo u Jason Vassallo kkonfermawlu li l-licenzja tat-triq tal-krejn li kien isuq hu, u li kienet l-unika certifikat statutorju pendenti, kienet ghadha ma thallsitx.
- meta nhar it-02.04.08 Anthony Bartolo cempel lir-rikorrent, ghamel hekk biex jghidlu li kellu l-konkos idur iz-Zejtun, u biex jara jekk kienx ser jidhol ghax-xoghol. Ir-rikorrent ma kienx mgharraf minn Anthony Bartolo li jekk jidhol seta' jinghata xoghol iehor. Dan ghaliex skond Anthony Bartolo ir-rikorrent kien jaf li seta' jinghata xoghol iehor. Ix-xhieda ta' Jason Vassallo li hu qallu li jekk jidhol seta' jaghmel xoghol iehor, ma kienet korroborata minn hadd.
- fid-dikjarazzjoni tal-kaz il-kumpanija intimata mkien ma semmiet li r-rikorrent kien ta avviz ta' rizenja xi jiem qabel il-bidu ta' April 2008.

Fid-dikjarazzjoni statutorja dwar it-temma ta' l-impjieg imtellgha mill-kumpanija intimata, l-istess kumpanija ddikjarat li hi kecciet lir-rikorrent u mhux li rrizenja mill-impjieg. Ghaldaqstant ix-xhieda li nghatat li r-rikorrent irrizenja minn jeddu mhux kredibbli.

- nhar l-01.04.08 ir-rikorrent, minkejja li kien jaf li l-licenzja tat-triq tal-krejn kienet ghadha ma thallsitx, dahal ghax-xoghol u saq il-krejn minghajr il-licenzja statutorja. F'dan il-kaz ghamel hazin. Meta nhar it-02.04.08, ir-rikorrent assenta ruhu minghajr permess, u din kienet rejazzjoni zbaljata ghaliex seta' attenda ghax-xoghol u xorta wahda rrifjuta li jsuq il-vettura mhux licenzjata, hu ghamel hekk biex ma jkunx sfurzat minn dirigenti tal-kumpanija intimata, jerga' jsuq vettura mhux licenzjata ghal fuq it-triq. Ghamel zball darba u ma riedx jirrepetih.

## 9. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ha kunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, jiddeciedi li t-temma ta' l-impjieg tar-rikorrenti saret bi ksur tal-provvedimenti ta' l-artiklu 36(3) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement ma saritx ghal raguni gusta u sufficjenti. It-Tribunal Industrijali jordna lill-kumpanija intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' hamest Elef Tliet Mija u Disgha w Ghoxrin Ewro u Tmienja u Erbgħin centezmu (€5,329.48) bhala kumpens ghal tkeccija ingusta. Dan il-hlas ghandu jsir f'sitt pagamenti mensili ndaqs u konsekuttivi. L-ewwel pagament għandu jsir mhux aktar tard minn xahar wara d-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet, it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u sbatax -il centezmu (€93.17).

______________________

**A. DEGIOVANNI**
**Chairman**